**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, l-1 ta' Marzu, 2002

**Numru 5**

**Avviz. numru 207/02JR**

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Pony Express (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm188.95) liema somma tirraprezenta in kwantu ghall-ammont ta' mija erbgha u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm164.45) bhala bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta` konvenuta lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta` attrici u dana bejn l-2000 u l-2001, u in kwantu ghall-tmien**

**liri u hamsin centezmu (Lm8.50) in rigward ghall-spejjez inkorsi skond l-ittra ufficjali pprezentata kontra s-socjeta` konvenuta fit-12 ta' Novembru, 2001, u in kwantu ghar-rimanenti sittax-il lira (Lm16.00) illi huma dovuti bhala spejjez inkorsi skond il-prezentata ta' dan l-avviz.**

**Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Antonio Tufigno ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**It-Tribunal jirrileva li ghall dawk li huma spejjez legali, dawna jigu intaxxati, u sopportati minn kull parti kif titlob il-Ligi. Dwar l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali dawn huma rekuperabbli skond it-taxxa li ssir.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba limitatament fl-ammont ta' mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin (Lm164.45) u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta'**

**mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin (Lm164.45) bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Novembru, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**